**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 051/2019**

**OH u QH**

**('l-ilmentaturi')**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd (C26761)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tal-11 ta' Novembru 2019**

**Decizjoni Preliminari**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz fosthom l-eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma' dan il-kaz ghaliex l-ilment tressaq b'mod tardiv *ai termini* tal-Artikoli 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Sema' lill-partijiet u ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

L-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 jistipula li:

'*L-Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux izjed tard minn*

*sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'*

Ghalhekk l-ilment kellu jigi registrat mal-provditur tas-servizz, '*mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom'.*

L-ilment huwa dwar il-prodott ***'7% Norske Skogindustrier Notes 2017.'***[1]

L-ilmentaturi jghidu li damu ma ghamlu l-ilment ghaliex huma kienu gew assigurati minn rapprezentant tal-provditur tas-servizz li fl-2026 kienu ser jiehdu l-flus kollha li kienu investew. Izda, aktar tard fix-xhieda taghhom, jghidu li kien fil-bidu tal-2017 li saru jafu li ma kienu ser jiehdu xejn.[2]

L-ilmentaturi kellhom zmien sentejn mindu saru jafu dwar il-kondotta tal-provditur mertu tal-ilment sabiex jilmentaw mieghu.

Jghidu li kienu saru jafu qabel l-2017 li l-valur tal-investiment kien nizel imma qalulhom li fl-2026 jiehdu kollox.

Però, anke jekk dan kien veru u jghidu li dan sar jew fl-2016 jew fl-2017, huwa car li fil-bidu tal-2017 Calamatta Cuschieri qalulhom li '*ma kienu ser jiehdu xejn'*[3] minn *Norske.*

L-Arbitru ma jistax jifhem, allura, ghaliex dak il-hin stess, jew wara ftit zmien biex jilhqu jiehdu parir, ma qabdux u ilmentaw mal-provditur tas-servizz u hallew sentejn jghaddu, sa Marzu 2019, biex jaghmlu ilment mieghu.

Dan jitfa' dell fuq il-kredibilità ta' din ix-xhieda.

Anke l-ilment li ghamlu mal-provditur tas-servizz f'Marzu 2019 huwa xi ftit ambigwu ghaliex filwaqt li fil-bidu jissemma l-***BP 187 5.5 Bond Portfolio July 2018,*** fil-*brackets* hemm **(*7% Norske Skogindustrier Notes 2017*).**

Imma, apparti dan id-dettall, l-Arbitru mhux konvint mix-xhieda tal-ilmentaturi li ma kinux jafu fil-hin biex jaghmlu l-ilment qabel. Kif inghad, setghu ghamlu l-

[1] *A fol.* 3.
[2] *A fol.* 61
[3] *Ibid.*

ilment fl-2017 mal-istess provditur tas-servizz. Ghaliex hallew sentejn minn meta saru jafu li l-investiment fin-*Norske* gie fix-xejn ma giex spjegat.

Minhabba x-xhieda xejn konvincenti tal-ilmentaturi, l-Arbitru jkollu jaqa' fuq id-dokumenti li ghaddew bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz.

L-ilmentaturi stess esebew DOK CFI 3[4] li jgib id-data tal-15 t'April 2016 fejn gew infurmati li l-kumpanija emetrici kienet skambjat l-investiment li kellhom fin-*Norske* fi *3.5 Notes Norske Skogindustrier 2026* u *2% Notes Norske Skogindustrier Open End* (*Perpetual*).

Gew infurmati wkoll li setghu jiehdu aktar informazzjoni dwar dan minghand il-*client advisor* taghhom.

Fuq dan il-binarju, l-ilmentaturi kellhom sal-15 t'April 2018 biex jaghmlu ilment mal-provditur tas-servizz li ma ghamlux.

Anke fuq dak li xehdu huma stess, **ghall-bidu tal-2017**[5] saru jafu minghand Calamatta Cuschieri li l-investiment ma kien jiswa xejn. Fil-bidu tas-sena tinftiehem f'Jannar 2017, jew forsi l-bidu ta' Frar, izda l-ilmentaturi xorta hallew sas-26 ta' Marzu 2019 biex jilmentaw mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, wara s-sentejn li jipprovdi l-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-Arbitru qed jilqa' l-eccezzjoni tal-provditur tas-servizz li m'ghandux kompetenza jisma' l-kaz *ai termini* tal-istess Artikolu u, ghalhekk, ma jistax ikompli jiehu konjizzjoni tieghu peress li m'ghandux il-kompetenza sabiex jisimghu.

Peress li din l-eccezzjoni giet deciza fi stadju bikri tal-process, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[4] *A fol.* 34-35
[5] *A fol.* 61